



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.6.2023
COM(2023) 292 final

2023/0175 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jitħallsu mill-partijiet għall-Fond
Ewropew għall-Iżvilupp bħala t-tieni pagament parzjali għall-2023**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet għall-proposta u l-oġettivi tagħha

Il-proposta tikkonċerna l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tieni pagament parzjali tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp li jrid jitħallas mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp ("FEŻ") fl-2023.

Il-11-il FEŻ u fondi oħra tal-FEŻ li għadhom miftuħin (jiġifieri d-9 u l-10 FEŻ) huma ġestiti skont il-ġabra ta' regoli li ġejja:

- (a) Il-Ftehim ta' Sħubija attwali bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku ("AKP") minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE") kif emendat l-aħħar¹;
- (b) Il-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajjnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-ftehim ta' sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea² (il-"Ftehim Intern" tal-11-il FEŻ);
- (c) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp³ ("ir-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ").
- (d) Id-Deċiżjoni Nru 1/2022⁴ tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tal-21 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Deċiżjoni Nru 3/2019⁵ tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE għal estensjoni oħra tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE sat-30 ta' Ġunju 2023, jew sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim il-ġdid jew sal-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid bejn l-Unjoni u l-Istati AKP, skont liema tiġi l-ewwel;
- (e) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2233 dwar l-impenn tal-fondi li jirriżultaw mir-rimborżi taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP minn operazzjonijiet taħt id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp⁶;
- (f) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1223⁷ dwar l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp bil-għan li jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Id-dokumenti msemmija fil-punti minn (a) sa (f) fihom l-impenji pluriennali mill-partijiet biex jappoġġaw f'livell finanzjarju lit-teżor tal-FEŻ. Ir-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ

¹ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3

² ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1

³ ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1-21

⁴ ĠU L 176, 01.07.2022, p.88

⁵ ĠU L 1, 3.1.2020, p.3

⁶ ĠU L 437, 28.12.2020, p.188-191

⁷ ĠU L 188 du 15.7.2022, p. 147

jipprevedi li jsiru kontribuzzjonijiet regolari mill-partijiet għat-teżor tal-FEŻ skont impenji finanzjarji determinati minn qabel. Il-kontribuzzjonijiet regolari jiskattaw minn Deċiżjonijiet tekniċi tal-Kunsill li jirriflettu l-implimentazzjoni ta' impenji finanzjarji deċiżi minn qabel.

Uħud mill-intestaturi fil-memorandum ta' spjegazzjoni għaldaqstant mhumiex applikabbli għal sejħiet għall-kontribuzzjonijiet regolari, bħalma hi din.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

F'konformità mal-Artikolu 19(3) tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, il-Kunsill irid jiddeċiedi dwar din il-proposta mhux aktar tard minn 21 jum kalendarju wara li l-Kummissjoni Ewropea, li taġixxi f'isem l-Unjoni Ewropea, tippreżenta din il-proposta.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp bħala t-tieni pagament parzjali għall-2023

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokkazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea⁸ u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) flimkien mal-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877⁹ tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323¹⁰, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Bank Ewropew tal-Investment ("BEI") se jibgħat lill-Kummissjoni l-istimi aġġornati tiegħu tal-impjenji u tal-pagamenti taħt l-istrumenti li jimmaniġġa.
- (2) Skont l-Artikolu 19(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877, il-Kummissjoni Ewropea għandha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ġunju 2023 li tispeċifika l-ammont tat-tieni pagament parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2023.
- (3) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2018/1877, is-sejthiet għal kontribuzzjonijiet għandhom l-ewwel jużaw l-ammonti previsti fil-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp preċedenti ("FEŻ"). Għaldaqstant jenħtieġ li ssir sejħa għall-fondi għall-BEI u għall-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1877.
- (4) Skont l-Artikolu 152 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-ftehim dwar il-ħruġ"), ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") għandu jibqa' Parti għall-FEŻ sal-għeluq tal-11-il FEŻ u ta' kull FEŻ preċedenti li għadu mhux magħluq. Madankollu, skont l-Artikolu 153 tal-ftehim dwar il-ħruġ, is-sehem tar-Renju Unit fil-fondi diżimpenjati minn proġetti fl-ambitu tal-11-il FEŻ, meta dawn il-fondi jkunu ġew diżimpenjati wara l-31 ta' Diċembru 2020, jew minn FEŻ preċedenti, ma għandux jerġa' jintuża.

⁸ ĠU L 210, 6.8.2013, p.1

⁹ ĠU L 307, 3.12.2018, p.1

¹⁰ ĠU L 58, 3.3.2015, p.17-38

- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2242¹¹ tiffissa l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni li għandu jitħallas mill-partijiet għall-FEŻ għall-2023 għal EUR 1 800 000 000¹² għall-Kummissjoni Ewropea, u għal EUR 300 000 000 għall-Bank Ewropew tal-Investment.
- (6) Sabiex il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu applikati minnufih, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ammont tal-kontribuzzjonijiet li għandu jitħallas mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp bħala t-tieni pagament parzjali għall-2023 huwa b'dan stabbilit għal EUR 750 000 000. Dan għandu jinqasam f'EUR 650 000 000 għall-Kummissjoni, u f'EUR 100 000 000 għall-BEI.

Artikolu 2

Il-kontribuzzjonijiet individwali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Bank Ewropew tal-Investment bħala t-tieni pagament parzjali għall-2023, f'konformità mal-Anness.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

¹¹ ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/2242 tal-14 ta' Novembru 2022 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-fond, li tispjega l-limitu massimu għall-2024, l-ammont annwali għall-2023, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2023 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2025 u 2026

¹² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323 (ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1.), l-Artikolu 20(5): "Meta jiġi applikat imgħax negattiv għall-kont imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru kkonċernat għandu, mhux aktar tard mid-data tal-ħlas ta' kull pagament imsemmi fl-Artikolu 19, jikkredita l-kont b'ammont li jikkorrispondi għall-ammont ta' tali mgħax negattiv applikat sal-ewwel jum tax-xahar li jiġi qabel il-ħlas tal-pagament."